MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 325/2011

**Appell Numru: 325/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alvin Privitera**

Illum 17 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 492487 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f' Marzu, 2007 u fix-xhur ta' qabel:

(a) Biegh jew xort' ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi perparazzjonjiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet

ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 8(a), 8(b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 sabet lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tiehu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament jinghad ghal kull buon fini li dan l-appell jitratta biss is-sentenza finali u f’ebda mod m’hu qed isir appell mid-digriet ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li nghatat fl-istess data tas-sentenza appellata.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta ampjament car mill-mod u manjiera kif sviluppa l-kaz in kwistjoni u kif finalment il-Qorti tal-Magistrati wasslet biex taghti s-sentenza finali u liberatorja, li l-provi li ngiebu quddiem dik l-Onorabbli Qorti ma gewx ezaminati skond ir-regoli tal-gbir tal-proci fil-proceduri penali. Filfatt allavolja fid-digriet taghha din l-istess Qorti rriteniet li l-istqarrija ghandha tibqa parti mill-atti processwali rrispettivament ta’ dak iddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali ddeciediet billi lanqas biss tapprezza l-

kontenut u l-legalita` tal-istess u minflok skartat din l-istqarrija minhabba l-lezjoni deciza mill-istess Qorti Kostituzzjonali.

Illi b'kull dovut rispett l-appellant jissottometti li semmai l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-piz tal-prova tentu kont ukoll tad-decide fis-sentenza kostituzzjonali li specifikament talbet il-prosegwiment tal-kawza skond il-ligu u l-validita` u l-ammissibilita' tal-istqarrija tigi meqjusa mill-Qorti penali f'dak id-dawl. Meta l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, effettivament hi marret kontra s-sentenza Kostituzzjonali li ironikament skond l-ewwel digriet taghha, hi ddikjarat li kienet 'ser issegwi skurpolozament'.

Illi l-ewwel Qorti kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setghetx twassal ghas-sejbien ta' htija o meno tal-akkuzat konsiderando l-lezjoni fid-drittijiet tieghu li setghet b'xi mod ivvizjat dak li l-appellat stqarr hemmhekk. Kwindi l-Qorti kellha ssaqsi lilha nnifsisha x'effett seta` kellu l-fatt li l-appellat irilaxxa l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta` jinfluwixxi fuq il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-istess appellat. X'effett setgha kellu l-fatt li l-appellat kellu biss dsatax il-sena meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-dawl ta' dak li stqarr u ta dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali?

Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, l-apprezzament tal-provi kif hi kien pretiz minnha li taghmel ma sarx u dan peress li hi f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija migjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittiehdet skond il-ligi in vigore dak iz-zmien u li permezz ta' gurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bhala l-prova regina. Dan anzi wassal biex il-Qorti tal-Magistrati tat rimedju hi ghal-lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat, xi haga li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali. Kull ma kellha taghmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkuzat hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, hati jew le tal-akkuzi migjuba

kontrih fid-dawl tal-provi kollha u in konsiderazzjoni kontestwalment ta’ dak li gie ritenut mis-sentenza kostituzjonali. Wahda ma kinitx intiza li tiskarta lill-ohra.

Illi meta’ wiehed iqis il-kontenut ta’ din l-istqarrija jirrizult li l-appellat ammetta minghajr lanqas ma gie mistqosi jew pre-avzat dwar l-akkuzi kif migjuba kontrih. L-appellant ghal kull buon fini jfakkar il-Qorti li hu kien qed jigi mistoqsi dwar traffikar ta’ eroina u filwaqt li cahadha kategorikament, ammetta b’sorpriza lill-ufficjal prosekutur li kien darba ittraffika l-cannabis lill-Ivan Psaila li sussegwentment safa vittma ta’ Overdose ta’ Eroina. B’hekk l-akkuzat fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih kixef lilu nnifsu b’idejh.

Illi l-ewwel Qorti fid-digriet taghha u waqt li kienet qed taghti r-ragunijiet taghha dwar in-nuqqas ta’ sfilz tal-istqarrija stqarret li ‘anki jekk ghall-grazzja ta’ l-argument l-istqarrija tigi sfilzata, fil-process hemm xhieda li xehdu dwar dak li qal l-imputat fl-istqarrija, liema xhieda se tibqa fil-process, u b’hekk l-effett tal-isfilz ta’ l-istqarrija ma jwassal ghal-ebda rizultat deciziv. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li jaghmel sens legali u logiku li tordna l-isfils tal-istqarrija’. Madanakollu permezz tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti holqot kontro-sens u dan peress li lanqas biss saret referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina u ta’ PC1220 Christopher Baldacchino li kienu xhieda ta’ dak li ntqal mill-appellant waqt l-konfessjoni tieghu u li allura, skond id-digriet ta’ dik l-istess Qorti baqghu fl-atti u kellhom jitqiesu bhala prova ta’ dak li qal l-appellat u tal-istqarrija.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa taht it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-procedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta’ kampjuni u anki d-dritt tal-assistenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif gej:

***349.*** *(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgha vestiti fih skond il-ligi u fil-limitu awtorizzat mil-ligi,*

*u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

*(2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taht dan it-tiotlu m'ghandhhom ikunu ta' ebda ostakolu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li ghalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalita jew ħtieġa.*

Kwindi jekk qedghin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita li jikkonsluta ma avukat u minhabb f'hekk hu qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet teighu, tali ommissjoni ta' formalita` jew htiega, mhuwiex ostakolu ghall-ammissibbilita` tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprezzax din il-prova u sempliciment tiskartha minhabba n-nuqqas tal-prezenza fil-pretrial stage, iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-ligi t'a dak iz-zmien li din issir ad obligatem. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova li tkun ingabret fiha innifisha tispicca fix-xejn.

Illi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piz jew pern taghha fid-dawl tal-lezjoni kif iddikjarata fis-sentenza Kostituzzjonali. Meta sempliciment skartat il-prova tal-istqarrija a bazi tal-lezjoni iddikjarata mill-Qorti Kostituzjonali, minghajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut taghha kif ukoll il-provi orali li kien hemm (Spet. Aquilina u PC1220 Christopher Baldacchino), l-ewwel Qorti ghamlet il-kontra ta' dak li tishaqq id-dispozizzjoni hawn fuq ikkwotata. Dan huwa iktar ironiku meta l-istess Qorti rrikonoxxiet li jekk il-Qorti Kostituzzjonali riedet tannulla jew tisfilza l-istqarrija bhala rimedju, kiene taghmel dan kategorikament u mhux tibghat l-atti lura lill-Qorti penali ghall-prosegwiemnt u kontinwazzjoni tal-kaz de quo.

Illi ma kiex il-kompitu ta’ l-ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali specjalment minhabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista` tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamnetali minghajr ma tirrimedjah (just satisfaction). Din ic-crikostanza filfatt irrizultat fil-kawza Kostituzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet li kien hemm lezjoni izda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li ‘titqiegħed kopja ta’dan il-gudikat fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet ‘*Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna’*. Effettivament allavolja giet iddikjarata din il-lezjoni, il-kaz kontra l-akkuzati Arigo u Vella kompla skond il- ligi penali u sa fl-ahhar gew misjuba hatja u ggudikati mill-Qrati penali u konfermati f’istadju ta’ appell fil-kaz tal-Prim Imhallef emeritus Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzjonali ghas-sentenza ta’ lezjoni moghtija mill-istess. Il-lezjoni giet rikonoxxuta u l-proceduri tkomplew skond il-ligi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi kwindi jidher car li mhux talli sar apprezzament hazin tal-provi migjuba izda li sahansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha migjuba quddiemha kif kienet pretiza li taghmel skond il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberatorja ingustifikata tal-appellat li finalment kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih di sua sponte. Filwaqt li s-senteza Kostituzzjonali f’ebda mod m’hi qed tigi minimizzata anki fid-dawl tal-lezjoni tad-drittijiet tieghu, din l-ammissjoni tibqa hi li hi u ghandha tigi meqjusa bhala tali. In-nuqqas ta’ apprezzament ta’ l-ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet gahs-sentenza liberatorja taghha indubjament ma jirrapprezentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiggustifikawx il-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenza kostituzjonali.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi ghall-habta tal-5 ta’ April, 2007 waqt investigazzjonijit koncernanti overdose ta’ eroina sofferta minn Ivan Psaila l-appellant, wara li nghata t-twissija skont il-Ligi kien tkellem mall-pulizija fejn fil-kors tal-mistoqsijiet

li kienu qeghdin isirulu cahad illi qatt ittraffika d-droga eroina lil Ivan Psaila, izda ammetta a sua sponte li f'okkazjoni wahda kien biegh kannabis lill-vittma. Dan fil-fatt gie kkonfermat permezz ta' stqarrija li l-akkuzat stess ghazel li tittiehed bil-miktub skont il-Ligi in vigore dak iz-zmien fejn l-impuat ammetta dwar dan meta mitlub jekk Ivan qatt talbux xi haga.

Fis-seduta tat-2 ta' April, 2009 l-avukat ta' l-appellant talab ghal referenza kostituzzjonali fejn allega li a termini tas-Sentenza tal-Qorti Europea fl-ismijiet Salduz vs Turkey kien qieghed jinkiser id-dritt ta' smieh xieraq ta' l-appellant. L-ewwel Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet it-talba u rreferiet il-kaz lejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili li kkonkludiet illi kien hemm tali lezjoni u ordnat l-isfilz ta' l-istqarrija. Is-Sentenza giet appellata u b'Sentenza moghtija fil-11 ta' April, 2011 il-Qorti Kostituzzjonali rrikonexxiet illi fil-mument meta ttiehdet l-isqarrija l-Ligi taghna ma kienetx timponi obbligu fuq il-pulizija li jinfurmaw lil min qed jigi nterrogat bid-dritt li jikkonsulta l-avukat tieghu, izda kkonfermat il-lezjoni fil-konfront tad-dritt ta' smiegh xieraq ta' l-appellant u rrevokat dik il-parti tas-Sentenza fejn ordnat l-isfilz ta' l-istqarrija ta' l-appellat u qalet illi l-istqarrija kellha tibqa' fil-process bhala parti mill-provi illi l-prosekuzzjoni jkunu gabru kontra l-appellat. Hawn hekk, l-ahhar kelma fil-konfront ta' l-appellat hija propju din id-decizjoni tal-11 ta' April, 2011 fejn gie ddikjarat formalment illi fil-konfront ta' l-appellat gie miksur id-dritt ta' smiegh xieraq tieghu peress illi ma giex moghti l-assistenza ta' avukat fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu u qabel ma ghamel l-istqarrija.

Bil-verbal tat-22 ta' Gunju, 2011 il-partijiet iddikjaraw illi l-unika prova illi kien hemm fil-konfront ta' l-appellant kienet propju l-istqarrija tieghu u dan gieghel lill-ewwel Qorti allura tasal ghall-liberatorja peress illi fun-nuqqas ta' provi ma kellha xejn fuq xiex torbot lill-appellat ma l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat.

Minn dak iz-zmien illi nghatat is-Sentenza, s-sitwazzjoni legali fil-konfront tad-drittijiet ta’ persuna arrestata tbiddlet minn din ta’ Alvin Privitera u ricentament kien hemm il-kazijiet ta’ Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali deciza fit-8 ta’ Ottubru, 2012, John Attard vs Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali deciza fil-31 ta’ Ottubru, 2012 li bidlu kompletament il-principju stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ Alvin Privitera. Illum is-sitwazzjoni giet kristalizzata bil-mod kif iddecidiet din il-Qorti kif preseduta fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Cutajar appell inferjuri (Ghawdex) fit-18 ta’ Gunju, 2013 fejn il-Qorti qalet *“Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata ‘l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta’ l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghald- decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Ganni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta’ assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta’ l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta’ facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija .....”*. Tajjeb jew hazin pero’ l-appellat ghandu din id-decizjoni definittiva tal-11 ta’ April, 2011 fil-konfront tieghu u din ma tistax tigi mibdula u l-kaz fil-konfront tieghu hu maghluq. Id-decizjonijiet illi gew wara m’ghandhomx jaffettwaw il-pozizzjoni ta’ l-appellat illi ghandu fil-konfront tieghu decizjoni finali. Il-Qorti rat illi l-Qorti tal-Magistrati taghat is-Sentenza taghha fis-7 ta’ Lulju, 2011 ferm qabel id-decizjonijiet ta’ Charles Stephen Muscat u ta’ John Attard, allura kienet gustifikata illi hija tiddeciedi b’dak il-mod skont ix-xenarju vigenti illi kellha dak iz-zmien.

Din il-Qorti ghalhekk thoss illi mehud in konsiderazzjoni d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta’ April, 2011 li kkrejat stat defenittiv fil-konfront ta’ l-appellat abbinat mal-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2011 fejn gie dikjarat li l-istqarrija kienet l-unika prova illi l-prosekuzzjoni kellha fil-konfront ta’ l-appellat, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li

waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------